MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2009

Rikors Numru. 454/2009

**Fl-atti tar-Rikors ta' Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited numru 454/09 JZM**

**Il-Qorti:**

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 2009 fejn ordnat li l-kumpannija Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Limited (Registrata bin-Numru C6404) titqieghed taht procedura biex kumpannija tirkupra (*company recovery procedure*) ghall-finijiet tal-Art. 329B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u hatret bhala Kontrollur Specjali ghall-finijiet tal-Art. 329(5) tal-istess Kap. 386, u b'effett immedjat, lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono, taghtu setghat generali u partikolari (imsemmija fl-istess digriet), kif ukoll dmirijiet ta' tmexxija u amministrazzjoni tal-gid tal-kumpannija rikorrenti, kif ukoll tal-amministrazzjoni tan-negozju tal-kumpannija ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-Kontrollur Specjali tat-12 ta' Gunju 2009, fejn fost hwejjeg ohra informa lil din il-Qorti li minn stharrig preliminari li kien ghamel huwa sab li l-kumpannija rikorrenti kellha taghti somom notevoli ta' flus lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, pero' kien se jissokta bl-investigazzjoni tieghu dwar il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija rikorrenti sabiex jara f'qasir zmien jekk din hijiex vjabbli jew le.

Rat ir-relazzjoni tat-22 ta' Gunju 2006 presentata mill-Kontrollur Specjali a tenur ta' l-Art. 329B(6)(c) fejn fost hwejjeg ohra ssottometta li ma kien hemm *l-ebda tama realistika illi anki b' tmexxija bil-ghaqal u professjonali il-kumpannija tkun tista' tibda topera bi qligh ragjonevoli u tnaqqas l-istock 'mejjet' sabiex tnizzel il-kredituri filwaqt li tkompli topera bhala going concern fi zmien realistiku.* Issottometta wkoll li ma kienx *hemm ghalfejn ilaqqa' laqgha tal-kredituri kif tipprovdi l-ligi ghaliex m'hu ser ikun hemm l-ebda soluzzjoni vjabbli li huwa jista' joffrilhom.* Ghalhekk irrakkomanda sabiex din il-Qorti *tirrevedi d-digriet taghha moghti fid-9 ta' Gunju 2009 u tnehhi il-protezzjoni moghtija mill-kredituri tal-kumpannija, li ghalhekk ikun jistghu jipprocedu bl-istralc taghha, filwaqt li l-esponent jigi ezonerat mill-inkarigu tieghu ta' Kontrollur Specjali taghha.*

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Lulju 2009 fejn din il-Qorti fl-ewwel lok idderigiet lill-Kontrollur Specjali sabiex ilaqqa' xorta wahda lill-kredituri u lill-membri tal-kumpannija rikorrenti skont l-Art. 329B(7) tal-Kap. 386 u jaghtihom kull taghrif li jidhrilu opportun u fit-tieni lok idderigiet lill-istess Kontrollur Specjali sabiex jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha li jidhirlu opportuni dwar il-procedura tal-irkupru tal-kumpannija rikorrenti wara li jkun ikkonsulta ruhu mal-kredituri u membri tal-kumpannija rikorrenti fl-isfond ta' l-Art. 329B(12) tal-Kap. 386.

Rat ir-rikors presentat mill-Kontrollur Specjali fil-15 ta' Lulju 2009 skont l-Art. 329B(12)(a) tal-Kap. 386 flimkien mar-relazzjoni ulterjuri tieghu li kienet presentata kontestwalment mar-rikors.

Minn dawn iz-zewg atti, jirrizulta hekk –

1) L-inkontru mal-kredituri sar fil-bini tal-Qorti fl-14 ta' Lulju 2009 fil-11.00a.m.

2) Fir-relazzjoni ulterjuri, hemm elenku ta' l-persuni prezenti fosthom kredituri li kienu avzati bil-laqgha skont avviz li deher fil-gurnal *The Times* tat-3 ta' Lulju 2009.

3) Il-passiv tal-kumpannija rikorrenti kien ta' madwar €500,000.

4) Id-diretturi u l-membri tal-kumpannija rikorrenti ppresentaw l-previzjonijiet taghhom ghall-hames snin li gejjin li pero' jitqiesu li fis-sostanza ma jbiddlu xejn mill-qaghda tal-kumpannija.

5) Il-Kontrollur Specjali talab vot konsultattiv minghand il-laqgha dwar jekk f'dawk ic-cirkostanzi kienx jidhrilhom li hemm utilita' li l-kumpannija tkompli bil-procedura tal-irkupru u l-kredituri unanimament ivvotaw kontra li titkompla l-procedura.

6) L-istess Kontrollur Specjali talab li din il-Qorti ghandha tordna l-istralc tal-kumpannija rikorrenti prevja l-ezoneru tieghu mill-inkariku.

**Ikkunsidrat –**

Fuq l-iskorta tar-rapporti <u>precizi u sostanzjati</u> li ressaq il-Kontrollur Specjali korraborati kif inhuma mid-dokumenti li jinsabu esebiti fl-atti, huwa llum manifest li ghar-ragunijiet kollha li dwarhom irrelata l-Kontrollur Specjali l-procedura tal-irkupru ma tistax f'termini reali u fattibbli twassal ghar-risanament tal-kumpannija rikorrenti, kif kien awspikat minn din il-Qorti fid-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 2009 fuq it-taghrif li kellha ghad-disposizzjoni taghha sa dakinhar. Ghalhekk fit-termini tal-Art. 329B(12)(a) tal-Kap. 386, din il-Qorti ssib li l-ahjar triq ghall-kumpannija rikorrenti huwa b'ordni taghha jsir l-istralc tal-istess kumpannija rikorrenti.

**Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti hekk tipprovdi dwar ir-rikors tal-Kontrollur Specjali fuq riferit –**

**1. Tirrevoka d-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 2009 fejn, fost ordnijiet ohra, il-kumpannija Publishers Enterprises Group (P.E.G.) (C6404) tqeghdet taht procedura biex kumpannija tirkupra (*company recovery procedure*) skont l-Art. 329B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. Konsegwentement tirrevoka l-inkariku tal-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala Kontrollur Specjali b'effett mil-lum.**

**3. Tordna l-istralc tal-kumpannija Publishers Enterprises Group (P.E.G.) (C6404).**

**4. Tahtar lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala stralcjarju tal-kumpannija Publishers Enterprises Group (P.E.G.) (C6404) bis-setghat u d-dmirijiet kollha skont kif jipprovdi l-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**5. Tordna li l-kumpannija Publishers Enterprises Group (P.E.G.) (C6404) thallas l-ispejjes tal-istadji kollha tal-procedura skont l-Art. 329B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta nkluzi l-ispejjes u d-drittijiet tal-Kontrollur Specjali u tal-Awditur Victor Bezzina li assista lill-istess Kontrollur Specjali fit-twettieq tal-inkariku tieghu. Ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jintaxxa dawn l-ispejjes u d-drittijiet u jassikura li l-kumpannija Publishers Enterprises Group (P.E.G.) (C6404) tkun notifikata bl-avviz tal-hlas.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex a tenur tal-Art. 329B(12(a) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta jibghat minnufih kopja ta' dan il-provvediment lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------